# Hawn hu l-Iswed

Traduzzjoni tal-poeżija ***ВОТ ЧЁРНОЕ*** ta' Boris Ryzhy
Jake Buttigieg

Il-belt kienet ħelwa wisq
Miegħi — ħfirt lili nnifsi u bdejt inħobb
Lilek. Imxejna flimkien matul il-lejl, u filgħodu
Għattiena ċ-ċpar. Kemm xtaqt ngħannaq
Lilek, imma qisu ma flaħtx ngħolli jdejja
U onestament, ħassejthom daqslikieku ma jeżistux

Daqslikieku dawn it-toroq, il-pontijiet
Għebu f'daqqa. Il-belt, jien u inti
Tħallatna, sirna fwar, fwar
Issa, flok kliem, sħab qed joħroġ
Minn ġo ħalqi. U kliemi ħafif,
Mimli ferħ u ħolm ikrah.

... Hawn hu r-roża — Irridek
Hawn hu l-blu ċar — arani, qed intir.
Hawn hu l-blu skur — biex intiru flimkien,
malajr, xi mkien fejn m'hemm ħadd,
Ħlief forsi l-ferħ innifsu,
Għal, ngħidu aħna, imqar mitejn sena

... Hawn hu r-roża — Inħobbok
Hawn hu l-blu ċar — Nitolbok,
Ħobbni, ġegħelni nbati, nbati ...
Hawn hu l-iswed u reġa' hawn l-iswed —
Le, Ma nafx x'ridt ngħid.
Imma xorta, titlaqnix, ħabib